Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-HAMES LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 5 ta' Awissu 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Approvati unanimament wara li saret korrezzjoni fl-ahhar item Punti Mqajjma mis-Sur RC fejn ikkoregа is-sens tas-sentenza minn Talab l-approvazzjoni sabiex 35 persuna jmorru Raccucia Sqallija ghall-jumejn ghall- **Talab l-approvazzjoni ghall-ghajnuna sabiex il-Kazin tal-Banda La Stella Levantina jmorru Raccucia fuq stedina tas-Sindku ta' Raccucia ghall-jumejn.**

2. **PUNTI MQAJJMA**
Fuq il-korrezzjoni ta' qabel is-Sur RC esprima wkoll id-dizappunt ghax ghalkemm it-talba tal-Kunsill giet milqugha il-Banda mhix sejra Raccucia ghax inqala' xi nkwiet bejn xi entitajiet gewwa l-pajjiz u minhabba l-glied ma kienx hemm lok iktar ghal din il-vizita li forsi ssehh iktar il-quddiem.

Is-Segretarju Ezekuttiv qajmet ukoll punt mill-Minuti ta' qabel fejn fl-ittra li ntbaghtet mill-Avukat Waste Collection gew mitluba biex fi zmien jumejn igibu l-Ittra ta' Referenza originali hekk kif kien sostna s-Sur Adrian Muscat li din kienet inghatat lili minn xi hadd mill-Kunsill Lokali Lija. Hi nfurmat il-Kunsill li l-kuntrattur ma gab l-ebda ittra kif mitlub wara li nghata cans iehor u li l-process kien kollu korrett.

3. **KORRISPONDENZA**

Giet imressqa din il-korrispondenza:

- E-mail minghand kumpanija Joseph Cachia and Son Limited li tipprovdi crash barriers Tertu & Marcegaglia Guardrails. Is-Sur MS issuggerixxa li tingab kwotazzjoni u jinbidel ir-*railing* ta' fuq Wied Irmiedi. Kulhadd qabel.
- E-mail minghand Connie Scerri rigward il-kalendarju kulturali. Gie suggerit li jiddahhal Jum Ħ'Attard nhar il-31 t'Ottubru, kif ukoll il-wirja ta' presepji li saret fis-Sajf mill-istudenti ta' SkolaSajf.
- E-mail minghand is-CS sabiex tinforma lill-Kunsill li giet maghzula biex tmur l-Austria bejn is-17 u d-19 ta' Settembru minn fost dawk li attendew il-konferenza

Active Citizens for Active Climate Change filwaqt li talbet l-approvazzjoni biex tattendi kors l-Universita' li jiswa €180 fuq l-istess suggett. Kulhadd qabel.
- Talba sabiex jigi provdut trasport li ma jkunx jeccedi ż-zewg *buses* sabiex l-istudenti li jattendu l-Attard Parish Summer Club imorru gita Ghawdex. Din it-talba giex milqugha.
- E-mail minghand Lorraine Farrugia rigward spejjez fuq bir minhabba l-eghruq tas-sigar fi Triq in-Nutar Zarb. Din it-talba ghandha tigi rivolta lill-ELC u l-Agrikoltura.
- E-mail rigward stedina ghall-meeting fuq tibdiliet fir-rotot. Ghal dan il-meeting se jattendi s-Sur Alfred Zammit.
- E-mail minghand is-Sur Adrian Abela rigward Art in Public Spaces Programm 2016-18. Se jitkellmu mieghu is-Sinjuri CS, RC U AM.

**4. Ri-APPROVAZZJONI PAGAMENTI LULJU U APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI AWISSU**

Is- Sur Alfred Zammit saqsa fuq ghala l-paga tas-Sinjura Julie Cachia kienet ghola mis-soltu kemm f'Lulju, kif ukoll Awissu. Is-SE qalet li l-paga ilha l-istess mic-cedola t'April ghax hi hasset li peress li kien hemm nuqqas ta' staff meta telqet is-Sinjorina Cassola u flokha giet impjegata is-Sinjorina Fsadni li kienet taht skema mal-istess Kunsill tul dawn is-snin kollha b'xi mod riedet tpatti ghas-sieghat neqsin u ziedet is-sieghat tas-Sinjura Cachia minn 4 kuljum ghall-6 kuljum. Qalet li sa fejn taf hi m'ghamlet xejn hazin anki ghax kif intqal qabel dawn l-affarijiet huma t'Amministrazzjoni u tista' tmexxi hi fuqhom skond in-necessita'. Is-Sur MS qal li vera mhux xejn ta' barra minn hawn imma ghall-darb'ohra kemm tinforma naqra l-Kunsill.

Is-SE talbet ukoll l-approvazzjoni ghad-*disposal* tal-jigger u wiehed mill-PC's li gie mibdul. Kulhadd qabel.

**5. LIBRERIJA PUBBLIKA *UPDATE***

Is-Sur RC qal hu u s-SE kellhom meeting ma' Cheryl Falzon mill-Librerija Pubblika fejn ha jinbeda process shih ta' *weeding* li fih ha tghin is-SE. Qal ukoll li l-Perit Edward Said xtaq jaghmel prezentazzjoni tal-pjanti tal-Librerija l-gdida u gie deciz li din issir waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Is-Sur JD qal li nistghu naraw minn fejn se niksbu fondi ewropej. Is-SE qalet li l-Avviz ghall-EU consultant hareg u jaghlaq fil-5 ta' Settembru. Il-Kunsill ha jara wkoll skemi ohra disponibbli ghall-ghajnuniet forsi din il-holma ta' Librerija Gdida timmaterjalizza.

Fid-dawl ta' dan is-Sur MS saqsa wkoll x'kien sar minn dik it-talba biex il-hajt taz-zona industrijali jersaq il-gewwa u s-sigar li kienu nzerghu jigu fuq barra. Il-Kunsill ghandu jikteb l-Industrial Parks Limited.

Is-Sinjura Marisa Abela halliet il-kamra.

**6. PROPOSTA SINJALI TA' SIKUREZZA FIT-TOROQ**

Is-Sur RC ressaq proposta ta' sinjali dwar sigurta' fit-toroq u *pedestrias* kif ukoll min juza r-roti , Share the Road kif gejjin:

2 Santa Katerina
2 Pitkali
2 Gradilja
4 Linja
2 Victor Vassallo
2 Mosta

2 Hal Warda

Dawn gew accettati mill-Kunsill u li ha jigu diskussi ma' TM.

## 7. GEMELLAGG *UPDATE*

L-Avviz fir-Rivista ha jidher u l-Kunsill qed jistenna respons fuq il-Host Families. Suppost kollox qed jithejja ghall-vizita bejn Ottubru u Novembru u qed jikkoordina kollox is-Sur Remigio Bartolo. Id-delegazzjoni Franciza lestiet ukoll pjan ta' kif se jizvolgu l-affariiet bejn 2015/16 qabel ma jigi ffirmat ufficcjalment il-gemellagg.

## 8. AFFARIJIET OHRA

Is-Sinjura RC ressaq dawn il-punti:

- Qal li kollox lest ghall-Eko-Festa. Is-Sur Ms saqsa jekk hux ha jingabar skart nhar il-15 t'Awissu. Is-SC ikkonferma li dan se jsir.
- Li s-sigar li sarilhom vandalizmu ssaqqew ftit imma xorta ghandu jsir rapport l-ghassa jew jigi kkuntatjat is-Sur Joe Borg.

Is-Sur JD qal li hu disponnibbli biex jiltaqa' ma' xi hadd mill-Agrikoltura biex forsi jittiehdu passi biex isalvaw is-sigar li fadal ghalkemm is-Sur Joe Borg qal li dawn kollha ha jispiccaw imutu u hemm fikus li ga qed turi certu tbatija biex issalva.

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Propona li jibqghu jilqghu iktar firem ghall-petizzjoni tal-istorbju barra li jinghaddu l-firem tal-petizzjoni ga ffirmati.
- Propona li jsiru stickers zghar ghal gol-kondominji sabiex jigi riciklat l-iskart u jkunu jafu x'qed jingabar kuljum. Dan barra li jsahhah il-PR min-naha tal-Kunsill.
- Ressaq zewg kwotazzjonijiet ghall-tqeghid ta' madum fi Sqaq fi Triq il-Mithna u Sqaq Sant'Anna. Il-madum ha jinxtara mill-Kunsill imma tqeghid ha jithassal kollu mis-Sid fil-kaz tal-ewwel xoghol. Fit-tieni kaz hemm tizlivell meta saru xi xogholijiet mill-WSC u l-madum irid jitranga.
- Li tigi updated l-irhama bl-ismijiet ta' dawk li rebhu Gieh Ħ'Attard tul dawn is-sentejn.

.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Saqsa dwar l-isleeping policemen fi Triq il-Gradilja. Is-SE qalet li hemm 5 oggezzjonijiet u li m'hemmx oggezzjoni ghal dik ta' Triq A. Durer. Se ssir talba lil TM ghal ta' Triq A. Durer.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq l-Un/loading tal-V&Co. u gie nfurmat li din kienet rifjutata.
- Talab ghan-nom tal-hanu t Natasha's li jsir l-istess. Is-SE qaltlu biex jghid lis-Sidien jiktbulha bit-talbiet li jridu.
- Fakkar fuq il-hajt ta' Wied Irmiedi.
- Semma li ghandu jiltaqa' mal-kuntrattur dwar xi holidays fi Triq il-Mosta.
- Talab biex jinqala' l-haxix minn mal-bankini fi Triq il-Mosta.
- Talab biex l-X3 tibda taghmel waqfiet fejn hemm stops. Il-Kunsill se jikteb lill-TM.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Talab li jinbidlu xi sinjali tal-klieb minhabba li *faded* hafna. Is-SE qalet li l-Kunsill qed jibdel hafna sinjali u dawn huma fost dawk li ha jinbidlu.

Is-Sur CS ressqet dawn il-punti:

- Talbet li jigi organizzat meeting mal-feeders tal-qtates biex ikunu jafu li l-Kunsill qed jiehu hsieb is-sitwazzjoni.

Is-SE qalet li talbet li l-Kunsill jinghata bicca art fi Triq il-Gibjun biex issir Cats Village.

**9. AGGORNAMENT**

Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha, 9 ta' Settembru 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

__________________________ ______________________

Sindku Data